MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 182/1995/1

Salvu Attard ;
Mikieli Attard ;
Carmelo Attard ;
Philip sive Pinu Attard ;
Victor Attard kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsefrin hutu Ewkaristiku, Angela mart Pawlu Azzopardi, Victoria mart Edgar Deguara, Rosa mart Michael Grixti, u Rita mart Joe Galea .

vs

Guzepp Attard ;
John Attard ;
Anthony Attard ;
Carmen mart Mario Mifsud .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' skrittura datata 15 ta' Novembru, 1992 (Dok A) il-kontendenti kienu ftehmu li jersqu ghal att pubbliku li in forza tieghu kellhom jitransigu l-pendenzi ta' bejniethom rigward il-beni posseduti in komun ;

Illi skond il-klawsola numru 7 tal-istess skrittura l-kuntratt finali kellu jsir sa zmien xahar mid-data li fiha jitlestew il-pjanti relattivi u jinkisbu l-permessi kollha minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni .

Illi l-partijiet kienu nkarigaw lill-Arkitett u Inginier Civili Teddy Busuttil sabiex jipprepara l-pjanti relattivi a tenur tal-imsemmija skrittura izda fil-kors tal-inkarigu tieghu gie mizmum mill-konvenut Joseph Attard biex ma jkomplix jadempixxi l-inkarigu tieghu li qed jirrifjuta milli jkompli jesegwixxi t-termini tal-imsemmija skrittura .

Illi l-atturi jridu jkomplu jesegwixxu t-transazzjoni raggunta permezz tal-iskrittura fuq imsemmija .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna t-twettiq tal-klawsola numru sebgha (7) tal-iskrittura fuq imsemmija datata 15 ta' Novembru 1992 billi permezz tal-arkitett u inginier Civili Teddy Busuttil inkella permezz ta' perit nominat isiru l-pjanti u l-pratici mehtiega sabiex tigi stabbilita sew il-konsistenza tal-immobbli oggett tal-imsemmija skrittura u jsiru l-pjanti relattivi li ghandhom jigu annessi mal-att pubbliku relattiv .
2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att pubbliku ta' transazzjoni a tenur tal-imsemmija skrittura that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni specjalment billi tinnomina nutar pubbliku sabiex fil-gurnata, hin u lok li jigu stabbiliti jippubblika l-att ta' transazzjoni fuq imsemmi bin-nomina ta' kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Pinu Attard .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Guzepp Attard li eccepixxa :

1. Illi l-kunsens tal-eccipjenti ghall-kitba imsemmija fic-citazzjoni inghata konsegwenza ta' zball .

2. Illi l-kitba imsemmija ma ghandha ebda effett vinkolanti peress illi hija bbazata fuq premessi foloz u daqstant hija simulata .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti l-ohra li, minkejja li gew debitament notifikati b'din ic-citazzjoni, ghazlu li jibqghu kontumaci .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .
Rat il-verbal taghha ta' l-14 ta' Novembru 2003, fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuti t-twettieq ta' l-obbligi assunti minnhom fuq skrittura privata ffirmata mill-kontendenti kollha li permezz taghha dawn kienu ftehmu li jaqsmu xi proprjetajiet immobiljarji pposseduti in komun bejniethom[1] . Fuq din l-iskrittura l-partijiet kienu fethmu *inter alia* illi l-kuntratt relattiv kellu jsir fi zmien xahar minn meta jkunu tlestew il-pjanti relattivi ghall-beni in divizjoni u jigu akkwistati l-permessi mehtiega minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni[2] .

---

[1] Ara skrittura tal-15 ta' Novembru 1992 esebita bhala Dok. A a fol. 9 tal-process .
[2] ara paragrafu (7) ta' l-istess skrittura .

Gara' pero' illi meta l-perit arkitett inkarigat mill-atturi ried jaccedi f'xi proprjetajiet okkupati mill-konvenut Guzepp Attard sabiex jirredigi l-pjanti, dan ma ppermettielux . Fid-depozizzjoni tieghu Guzepp Attard spjega illi dan ghamlu ghax ma riedx aktar jonora l-fethim, peress illi l-partijiet l-ohra ma kienux qed jiehdu hsiebu kif suppost li kienu obbligaw ruhhom meta sar l-istess ftehim[3] . L-iskrittura in kwistjoni ma ssemmi ebda kundizzjoni bhal din u ghalhekk, safejn l-oppozizzoni tal-konvenut Guzepp Attard hija bbazata fuq din ir-raguni, ma tistghax tkun gustifikata .

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, l-istess konvenut jallega illi kien sar zball u li l-kunsens tieghu kien gie akkwistat permezz ta' premessi foloz . Pero' fid-depozizzjoni tieghu ma qal xejn f'dan ir-rigward . Anzi d-depozizzjoni ta' l-Avukat Dottor Michael Caruana li kien involut fit-trattattivi li wasslu l-kontendenti jilhqu dan il-ftehim, johrog proprju l-kuntrarju u li kulhadd kien sodisfatt li ssir id-divizjoni kif imnizzel fl-istess skrittura[4] . F'tali cirkostanzi ma rrizulta illi hemm ebda raguni tajba ghaliex il-partijiet kollha ghall-ftehim tal-15 ta' Novembru 1992 m'ghandhomx jonoraw l-istess ftehim . Ghalhekk it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Guzepp Attard, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tordna t-twettieq tal-klawsola numru sebgha (7) ta' l-iskrittura tal-15 ta' Novembru 1992, billi permezz ta' l-arkitett Teddie Busuttil, li qed jigi nominat ghal dan il-fini, isiru l-pjanti mehtiega sabiex tigi stabilita sew il-konsistenza tal-immobbli oggett tal-imsemmija skrittura u jsiru l-pjanti u pratici mehtiega li ghandhom jigu annessi ma' l-att pubbliku relattiv; u
2. konsegwentement tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att ta' divizjoni tal-beni msemmija fl-imsemmija skrittura a tenur ta' dak li gie miftiehem fl-istess skrittura, bil-ministeru tan-Nutar Dottor Paul George

---

[3] ara depozizzjoni Guzepp Attard tat-30 ta' Mejju 1997 a fol. 31 – 33 .
[4] ara xhieda Dr. Michael Caruana tal-5 ta' Frar 1999 a fol. 46 - 48 .

Pisani li ghandu jippubblika l-att relattiv fil-20 ta' Marzu, 2004, fil-hdax ta' fil-ghodu, (11.00 a.m.) fl-ufficcju tal-istess Nutar .

L-avukat Dottor Joseph Grech qed jigi nominat bhala kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt .

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati mill-konvenuti .
S18295Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------